Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,682, 3 ta' Diċembru, 2010
Taqsima B

A.L. 517 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2010 biex jemendew ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2010 biex jemendaw ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad tal-2008, ippubblikati bħala Avviż Legali 120 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2010 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (4) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jkun imħassar.

L-Emenda għar-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok ir-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Id-Dħul mill-Ġdid f'Kors ta' wara l-Ewwel Grad

30. Meta l-istudenti jkunu meħtieġa skont il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti jirtiraw minn Kors ta' wara l-Ewwel Grad, huma m'għandhomx jitħallew jerġgħu jidħlu fl-istess kors qabel ma tgħaddi sena minn mindu irtiraw. Meta jerġgħu jidħlu fil-kors, l-istudenti jkunu meħtieġa jsegwu l-Programm ta' Studju li jkun applikabbli għal dik is-sena u jkunu meħtieġa jsegwu t-taqsimiet studju kollha, anke dawk li jkunu għaddew minnhom fil-kors li weħlu minnu."